MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Numru. 488/2004

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Francis Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-1 ta' Novembru, 2003, bhala propjetarju jew amministraturi responsabbli jew konsumatur tal-fond numru 41, Casa St Theresina, Triq l-Muzika, Iklin b'diversi atti maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' LM350.00 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai terminu tal-Artikolu 18, 261, 263, 264 (2), 267, 279 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar taht l-istess cirkostanzi ikkommettew hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Krizik Presolv bin-numru tas-serie 3807477, liema hsara ma teccedix l-LM50 liri Maltin u dan bi ksur tal-artikoli 325 (d), 326 (c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu tal-Korporazzjoni tal-Enemalta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2005.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputat <u>hati</u> ta' dawn l-akkuzi kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 17 u 283 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi huwa hallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont kollu dovut minnu lill-istess korporazzjoni u rat ukoll illi rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta iddikjara f'dawn il-proceduri illi l-Korporazzjoni Enemalta ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 325 (1) (b) u 326 (1) (c) u 326 (1) (f) tal-Kap. 9.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata

opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni illi huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------